Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Diċembru 2018**
**(OR. en)**

**14425/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0347 (NLE)**

**PECHE 474**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 12841/18 PECHE 382 + ADD 1 - COM(2018) 676 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020<br>- Adozzjoni |

1. Fl-10 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2019 u għall-2020, abbażi tal-Art. 43(3) TFUE[1].

2. Il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi l-qabdiet totali permissibbli (TAC) ta' ħut minn stokkijiet speċifiċi ta' ħut tal-baħar fond għas-sentejn li ġejjin. Il-Kummissjoni aġġornat il-proposta fil-25 ta' Ottubru 2018 permezz ta' dokument informali dwar il-klieb il-baħar tal-fond[2].

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna tas-Sajd eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-11 ta' Ottubru, is-26 ta' Ottubru u t-8 ta' Novembru 2018. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddiskuta l-proposta fl-14 ta' Novembru 2018.

1 Ara d-dok. 12841/18 PECHE 382 + ADD 1.
2 Ara d-dok. 13518/18 PECHE 425.

4. Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill laħaq qbil politiku unanimu dwar il-proposta.

5. Diversi delegazzjonijiet ħabbru dikjarazzjonijiet dwar kwistjonijiet differenti: FR u ES ħarġu dikjarazzjoni konġunta dwar il-paġella l-ħamra fiż-żoni 6-8; ES u PT ħarġu żewġ dikjarazzjonijiet konġunti dwar il-paġella l-ħamra fiż-żona 9 u l-fonsa l-ħamra fiż-żoni 3-10, 12 u 14, rispettivament; DK ħarġet dikjarazzjoni dwar il-grenadier imnieħru tond fiż-żona 3. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni dwar it-tħassir tat-TACs għall-ispeċijiet tal-baħar fond.

6. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill:

– jadotta t-test tal-proposta kif jidher fid-dok. 14418/18 PECHE 473 (kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti), u

– idaħħal id-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota fil-minuti tal-Kunsill.